TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Victor u Anna Bonello

vs

D&S Lifts (Maintenance) Limited u b'digriet tal-21 ta' Mejju 2025 giet kjamata in kawza s-socjeta' Elevation Limited (C98151)

CCT 158/24/MS

30 ta' Settembru 2025

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti pprezentat fid-29 ta' Lulju 2024, li permezz tieghu talbu lil dan il-Qorti tikkundanna lis-socjeta` konvenuta D&S Lifts (Maintenance) Limited thallas is-somma ta' ghaxar telef euro (€10,000.00) rappreżentanti kumpens ghaz-zmien kollu li huma gew mcahhda milli juzaw u jgawdu l-lift installat mill-istess socjeta' intimata, li qatt ma hadem kif suppost, inkluz l-anzjeta' u frustrazzjoni u l-hsara li garbu tul dan il-perjodu meta l-lift bęḍą jieqaf ghal xejn; talbu wkoll illi isiru dawk ix-xogħolijiet kollha li huma necessarji biex jissewwa d-difett li ghandu l-lift biex ikun jista' jintuza u jitgawda, inkluz li jitqieghdu l-weights; u li jinghataw l-*instruction book*, il-*code* tal-lift u anke l-*ladder in pit.*

Ra illi s-socjeta' intimata D& S Lifts (Maintenance Limited) debitament notifikata m'ghamlitx risposta.

Ra d-digriet tal-5 ta' Frar 2025 u l-verbal tal-21 ta' Mejju 2025 fejn it-Tribunal ordna l-kjamat in kawza tas-socjeta' intimata Elevation Limited (C98151).

Ra illi s-socjeta' intimata Elevation Limited ma dahlitx risposta.

Ra illi fis-seduta tat-18 ta' Gunju 2025, deher Omar Debono ghas-socjeta' intimata Elevation Limited li nforma t-Tribunal illi s-socjeta' intimata Elevaton Limited m'ghandhiex taqsam mas-socjeta' D&S Lift Maintenance Limited u ma jistax jifhem ghaliex gie notifikat bil-proceduri.

Sema' x-xhieda tar-rikorrenti Anna Bonello.

Ra l-affidavits ta' Victor u Anna Bonello flimkien mad-dokumenti annessi.

Ra illi hadd mis-socjetajiet intimati ma deher ghas-seduta tal-10 ta' Settembru, nonostante li s-seduta kienet intiza ghall-provi taghhom.

Ra illi fin-nuqqas ta' dehra tas-socjetajiet intimati, il-kawza giet differita ghas-sentenza.

Ra illi ma kien hemm l-ebda ostakolu ghal prolazzjoni tas-sentenza.

Ra l-atti kollha tal-process.

Ikkunsidra

Illi rrizulta mill-provi illi fil-5 ta' Novembru 2020 ir-rikorrenti xtraw lift tad-ditta Felesa u ffirmaw kuntratt ma' D&S Lifts (Maintenance Limited) li kien rapprezentat minn Matthew Debono.
Il-prezz tal-lift kien ta' €25,900.00 inkluz VAT u l-hlas sar f'tlett pagamenti. Meta l-lift gie konsenjat u installat sentejn wara fid-dar f'Birzebbugia, kien prezenti Albert Debono, li jigi missier Matthew Debono. Id-dar fejn kien installat il-lift kienet tikkonsisti f'erba' sulari u l-lift kien gie installat fil-garaxx - at ground-floor level tad-dar. Skond it-technical details fil-kuntratt, il-lift kien jiflah ghall-erba persui (load ta' 320kg), u kellu jinkludi diversi features fosthom "*evacuation system feature in case of power failure with cabin automatically going to the next level, ladder in pit u single phase power supply.*"

Illi f'Gunju 2022, meta sar il-handover tal-lift, Omar Debono kien mar id-dar tar-rikorrenti u thallas il-bilanc tal-prezz kollu. Dakinhar, fil-presenza ta' Debono u tar-rikorrenti, il-lift waqaf fit-tielet sular tad-dar, waqt l-ewwel prova tieghu. Debono qalilhom li l-lift kellu hsara zghira fis-settings.

Dakinhar Debono informa lir-rikorrenti illi minn dakinhar 'il quddiem kellhom jaghmlu kuntatt mieghu taht il-kumpanija Elevations Ltd u mhux ma' huh Matthew Debono. Fl-istess gurnata, r-rikorrenti talbuh il-ladder pit, wiehed mill-features tal-lift, izda qalilhom li ghat-tip ta' lift li huma xtraw, ma kienx hemm bzonnu - alavolja dan il-feature kien imnizzel fil-kuntratt.

Barra minn hekk, kien hemm features u servizzi ohra li kellhom ihallsu ghalihom over and above il-prezz - ez GSM system ghal kaz ta' emergenza u Protection Photocell.

Ir-rikorrenti spjegaw illi l-lift kompla jieqaf fit-tielet sular u sa dak iz-zmien kienu ghadhom ma rcevewx ic-certifikat tal-lift, ghalhekk bdew jikkomunikaw mal-Inginier Mark Formosa tal-MCCAA u gew infurmati illi l-lift mhux suppost jintuza minghajr certifikat.

Il-lift waqaf diversi drabi u kien dejjem jieqaf meta kienu jitilghu tlett persuni minkejja li huma xtraw lift li kellu jiflah ghall-erba persuni u b'piz ta' 320kgs. Apparti minn hekk, minkejja li skond il-kuntratt, f'kaz ta' power failure, il-lift kellu jinzel fis-sular ta' taht, fil-prattika kien jieqaf bejn sulari u dan kien perikoluz.

Fit-3 ta' Awwissu 2022 saret *emergency evacuation* u minhabba li l-lift baqa' dejjem jieqaf, ir-rikorrenti spiccaw juzawh biss b'zewg persuni biex jevitaw il-problemi.

Illi kull meta r-rikorrenti kienu jikkuntattjaw lil Elevation Limited, dawn bdew igibu hafna skuzi sakemm fl-ahhar gew biex jaghmu service fis-6 ta' Gunju 2023. Dakinhar qalulhom li kellu jsir meter apposta u separat ghall-lift, meta kienu jafu li l-lift kien inktara 'single phase'. Pero' anke meta r-rikorrenti tfew id-dawl kollu u hallew biss id-dawl tal-lift, il-lift xorta waqaf hekk kif telghu tlett persuni.

Barra minn hekk ghalkemm talbu li jinghataw l-*instruction book*, dan qatt ma gie moghti, u lanqas tawhom il-code tal-lift.

Illi fis-7 ta' Jannar 2025, Albert Debono, rapprezentant ta' Elevation Limited, gie jara l-lift u wara li ghamel kuntatt mal-kumpanija Felesa, sab li l-problema kienet in-nuqqas ta' weights. Ir-rikorrenti kienu ilhom li ndunaw bil-probema ta' weights mis-sena 2023 u kienu anke infurmaw lill-kimpanija Elevation Limited b'dan, izda baqghu m'ghamlu xejn. Fis-6 ta' Marzu, il-kumpanija baghtet email fejn talbuhom ihallsu maintnenace agreement qabel ma jigu jizdiedu l-wieghts.

Illi ghalkemm is-socjetajiet intimati kienu notifikati b'dawn il-proceduri, hadd mir-rapprezentanti taghhom xehdu quddiem dan it-Tribunal, nonostante l-fatt illi t-Tribunal kien iddiferixxa l-kawza propju ghal dan l-iskop. Ghalhekk, it-Tribunal m'ghandux alternattiva ohra hlief li joqghod fuq il-versjoni mhux kontestata tar-rikorrenti, li hija korroborata minn diversi dokumentazzjoni u li ghandha mis-sewwa.

Ikkunsidra

Illi mir-rizultanzi processwali, it-Tribunal huwa sodisfatt illi ghakemm il-kuntratt originali sar ma' D&S Lifts Maintenance Limited, wara sentejn meta l-lift effettivament gie konsejnat u installat il-kumpanijia Elevation Limited kienet assumiet ir-responsabbilita' ghalih u fil-fatt il-warranty certificate datat 13 ta' Gunju 2022 inhareg minn Elevation Limited.

*"Elevation Limited warrants lift identification number 20023485 model FELESA MRL/GRL. Pitless on parts and labour thereof to be free from defects in workmanship and material within 24 months from the date of installation by the user as a result of normal use and routine services covered by an ongoing maintenance agreement. The Company will replace the part or parts so determined by it to be defective with new parts, at Company's cost and expense. .....*
*This warranty does not apply if our company notice that the said lift was serviced or repaired by any other company or distributors in the same period of time...."*

Illi mill-job sheets esebiti, it-Tribunal huwa sodisfatt illi r-rikorrenti dejjem uzaw is-servizzi kemm ta' Elevation Ltd kif ukoll ta' D& S Lift Maintenance Limited, li t-tnejn huma affilijati. Ma hemmx dubju illi huma konnessi ma' xulxin u li Elevation Limited ghandha . (ara Doks 6, 7, 9, 17 23, 24, 26, 27, 33.).

Illi stante l-provi ampji li gew esebiti fl-atti, dan it-Tribunal jidhirlu illi gie stabbilit ness car bejn iz-zewg kumpanniji u b'hekk is-socjeta' Elevation Limited ghandha titqies li hija idoneja biex tirrispondi ghat-talbiet attrici.

Barra minn hekk, ma jistax ikun dubju illi l-lift kkonsenjat ma kienx moghni bl-ispecifications indikati fil- kuntratt u hafna mill-features indikati kienu nieqsa u konsegwentement dan il-lift zgur ma kienx skond il-kwalita' pattwita. Ir-rikorrenti irnexxielhom jippruvaw illi dan il-lift qatt ma hadem kif suppost u ma kienx jiflah ghall-piz ta' tlett persuni, ahseb u ara kemm kien jiflah ghall-piz li ghalih kien intiz, u cjoe dik ta' erba' persuni - 320kgs. It-It-Tribunal huwa sodisfatt illi dan in-nuqqas ta' konformita' mmanifesta ruhu entro l-perjodu ta' sentejn mill-konsenja.

Ikkunsidra

**Il-Ligi**

Illi l-artikolu 73 tal-Kapitolu 378 jipprovdi li l-bejjiegħa għandhom jikkunsinnaw oġġetti lill-konsumatur li jikkonformaw mal-kuntratt tal-bejgħ, liema oġġetti għandhom, b'mod partikolari, fejn applikabbli :

(a) ikunu tad-deskrizzjoni, it-tip, il-kwantità u l-kwalità, u jkollhom il-funzjonalità, il-kompatibbiltà, l-interoperabbiltà u l-karatteristiċi l-oħra, kif jirrikjedi l-kuntratt tal-bejgħ;

(b) ikunu tajbin għal kull għan partikolari li għalih ikun jeħtieġhom il-konsumatur u li l-konsumatur ikun għarraf bih lill-bejjiegħ mhux aktar tard mill-ħin meta jkun ġie konkluż il-kuntratt tal-bejgħ, u li fir-rigward tiegħu l-bejjiegħ ikun aċċetta;

(ċ) jiġu kkonsenjati mal-aċċessorji kollha u istruzzjoni, inkluż dwar l-istallazzjoni, kif stipulat fil-kuntratt tal-bejgħ; u

(d) jiġu fornuti b'aġġornamenti kif stipulat fil-kuntratt tal-bejgħ.

Illi l-artikolu 73(2)(b) imbaghad jipprovdi li l-oggetti ghandhom ikunu

(a) adattati għall-iskopijiet li għalihom normalment jintużaw oġġetti tal-istess tip, b'kont meħud, fejn applikabbli, ta' kwalunkwe liġi, standards tekniċi jew,fin-nuqqas ta' tali standards tekniċi, il-kodiċi ta'kondotta industrijali speċifiċi għas-settur applikabbli;
(b) fejn applikabbli, ikunu ta' kwalità tal-kampjun jew il-mudell li l-bejjiegħ ikun qiegħed għad-dispożizzjoni tal-konsumatur qabel il-konklużjoni tal-kuntratt u jikkorrispondu għad-deskrizzjoni tiegħu;

(ċ) fejn applikabbli, jiġu pprovduti flimkien ma' tali aċċessorji, li jinkludu l-imballaġġ, l-istruzzjonijiet għall-istallazzjoni jew istruzzjonijiet oħra, kif il-konsumatur jista' raġonevolment jistenna li jirċievi; u

(d) jikkorrispondu għall-kwantità u jkollhom il-kwalitajiet u karatteristiċi oħrajn, inkluż f'termini ta' durabbiltà,funzjonalità, kompatibbiltà u sigurtà, normali għal oġġetti tal-istess tip u li l-konsumatur jista'raġonevolment jistenna minħabba n-natura tal-oġġetti.

Illi l-artikolu 73 (7) jistipola li:

Kwalunkwe nuqqas ta' konformità li jirriżulta mill-istallazzjoni ħażina tal-oġġetti għandu jitqies bħala nuqqas ta' konformità tal-oġġetti jekk:

(a) l-istallazzjoni tifforma parti mill-kuntratt tal-bejgħ u tkun saret mill-bejjiegħ jew taħt ir-responsabbiltà tiegħu;

Imbagħad ai termini tal-artikolu 74 (1) tal-imsemmi Kapitolu " Fil-każ ta' nuqqas ta' konformità, il-konsumatur għandu jkun intitolat li jkollu l-oġġetti miġjuba f'konformità **JEW** li jirċievi tnaqqis proporzjonat fil-prezz, **JEW** li jittermina l-kuntratt, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l- artikolu u fl-artikolu 75.

(2) Il-bejjiegħ jista' jirrifjuta li jġib l-oġġetti f'konformità jekk it-tiswija u s-sostituzzjoni jkunu impossibbli jew jimponu spejjeż sproporzjonati fuq il-bejjiegħ, filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkustanzi kollha
inklużi dawk imsemmija fil-paragrafi (a) u (b) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 75.

(3) Il-konsumatur għandu jkollu d-dritt għal tnaqqis proporzjonat fil-prezz f'konformità mal-artikolu 76(1) jew għat-terminazzjoni tal-kuntratt tal-bejgħ f'konformità mal-artikolu 78A fil kwalunkwe wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(a) il-bejjiegħ ma jkunx lesta t-tiswija jew is-sostituzzjoni jew, fejn applikabbli, ma jkunx
lesta t-tiswija jew is-sostituzzjoni f'konformità mal-artikolu 75(3) u (4), jew il-bejjiegħ ikun
irrifjuta li jġib l-oġġetti f'konformità skont is-subartikolu (4);

(b) jirriżulta nuqqas ta' konformità minkejja li l-bejjiegħikun ipprova jġib l-oġġetti f'konformità;

(ċ) in-nuqqas ta' konformità tant ikun ta' natura serja li jiġġustifika tnaqqis immedjat fil-prezz

Illi ghalhekk, it-Tribunal jinnota li meta jkun hemm nuqqas ta' konformita` x-xerrej huwa intitolat li jitlob is-sostituzzjoni jew it-tiswija tal-oġġetti sakemm ir-rimedju ma jkunx impossibbli jew jimponi spejjez sproporzjonati fuq il-bejjiegh meta wiehed iqis ic-cirkostanzi.

Illi ma jistax ikun dubju illi f'dan il-kaz, ir-rikorrenti hallsu hafna flus u ghalhekk kien sta ghall-bejjiegh illi jaghmlu dak kollox biex igibu dan il-lift f'konformita' a spejjes taghhom, fi zmien ragonevoli u minghajr l-ebda inkonvenjent ghall-konsumatur. Dan ma sarx.

Ikkunsidra

Illi fil-Part IX tal-Kap 378, il-ligi taghti lill-konsumaturi tlett rimedji meta jindunaw illi li l-oggett mibjugh mhijiex konformi jew tal-kwalita` pattwita:

1. id-dritt li jgib l-oggett f'konformita' permezz ta' tiswija jew sostituzzjoni tal-oggett **JEW**
2. tnaqqis proporzjonat fil-prezz, **JEW**
3. It-terminazzjoni tal-kuntratt

Illi, b'danakollu, l-artikolu 21 tal-Kap 378 jipprovdi illi meta jiġu determinati kwistjonijiet f'tilwim li jikkonċerna dannu mġarrab mill-konsumaturi li jirriżulta minn prattiċi kummerċjali mhux ġusti, it-tribunal għandu jordna rimedji proporzjonati u effettivi, inkluż kumpens għad-dannu mġarrab mill-konsumatur u, fejn rilevanti, tnaqqis fil-prezz jew it-terminazzjoni tal-kuntratt; b'kont meħud ukoll, fejn xieraq, tal-gravità u n-natura tal-prattika kummerċjali mhux ġusta, id-dannu mġarrab mill-konsumatur u ċirkostanzi oħra rilevanti.

Illi barra minn hekk, it Tribunal jista', meta jaqta' l-kwistjonijiet f'talba jew kontro-talba preżentati quddiemu, jordna lill-kummerċjant iħallas lill konsumatur ammont li ma jkunx inqas minn ħamsa u tletin euro (€35) u mhux iktar minn ħames mitt euro (€500.00) bħala danni morali għal kull ħsara, deni, ansjetà u inkonvenjenza.

Illi f'dan il-kaz, il-konsumaturi qeghdin jitolbu l-ewwel rimedju u cjoe' illi jingieb f'konformita' u li jissewwa u isiru dawk ix-xogħolijiet kollha li huma necessarji biex il-lift ikun jista' jintuza u jitgawda, inkluz li jitqieghdu l-weights; u li jinghataw l-*instruction manual*, il-*ladder pit*, il-*code* u l-features kollha illi kienu mniqzlin u indikati fil-kuntratt; u qeghdin jitolbu wkoll kumpens ghad-danni li huma sofrew ghaz-zmien kollu li huma gew mcahhda milli juzaw u jgawdu l-lift installat mill-istess socjeta' intimata, li qatt ma hadem kif suppost, inkluz l-anzjeta' u frustrazzjoni u l-hsara li garbu tul dan il-perjodu meta l-lift będa̧ jieqaf ghal xejn.

Illi ghalhekk, dan it-Tribunal irrid jistabilixxi jekk id-deċiżjoni transazzjonali" ( u cjoe' id-deċiżjoni meħuda mir-rikorrenti sabiex jixtru dan il-lift) saret abbazi ta' prattici kummercjali ingusti.

L-artikoli 51B, 51C u 51D jelenkaw prattici kummercjali qarrieqa u ingusti.

L-artikolu 51C jipprovdi illi prattika kummerċjali għandha
titqies bħala qarrieqa jekk:
(a) ikun fiha tagħrif falz; jew
(b) b'xi mod, ukoll bil-preżentazzjoni totali tagħha, tqarraq bil-konsumatur medju, ukoll jekk it-tagħrif ikun korrett fattwalment, fir-rigward ta' wieħed jew iktar mill-elementi li ġejjin, u li f'kull każ iġġiegħlu jew x'aktarx iġġiegħlu jieħu deċiżjoni transazzjonali li ma kienx jieħu f'ċirkostanzi oħra.

Illi ma jistax ikun dubju illi d-decizjoni illi jixtru dan il-lift ittiehdet abbazi tal-fatt illi l-lift kien jiflah ghall-piz ta' erba' persuni (320kg) u kellu jinkludi diversi features ohra. Mhux talli dawn il-features (bhal ladder pit/ evacuation system u ohrajn) ma kienux disponnibbli ghar-rikorrenti, imma l-lift ma kienx jiflah ghal dak il-piz u kien dejjem jehel. Apparti minn hekk, meta kien jehel ma kienx jinzel taht l-art u kien jibqa' bejn is-sulari. Ghalhekk it-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrenti inghataw taghrif falz jew qarrieqa u ghalhekk ghandhom ikunu intitolati ghall-kumpens.

Barra minn hekk, ghalkemm hareg car illi r-rikorrenti kienu ilhom jilmentaw fuq il-problema tal-weights ghal diversi snin, is-socjeta' intimata baqghet tkaxkar saqajha u kienet iggib hafna skuzi. It-Tribunal m'ghandux dubju illi li kieku riedu, setghu solvew il-problema minghajr dewmien, izda minflok baqghu inadempjenti u ta' dan ikkawza ir-rikorrenti hafna ansjeta'.

Ikkunsidra

Ghalkemm ir-rikorrenti reklamaw l-ammont ta' ghaxar telef fl-avviz tat-talba, din ic-cifra ma gietx bl-ebda mod spjegata jew gustifikata.

Illi ghalkemm ir-rikorrenti esebew numru ta' dokumenti, mhuwiex car ezattament kemm hallsu bhala spejjes ghall-manutenzjoni u fuq servizzi oħra. Gew ippreżentati diversi fatturi u stimi, pero' l-ammont finali ta' dak li effettivament tħallas ma jirriżultax b'mod ċar, għalkemm jidher li dan kien fiż-żona ta' bejn €500 - €1000.00.

Fic-cirkostanzi, u meta qies il-valur tal-lift u tal-ispejjes ohra u l-fatt illi mill-bidu nett dan il-lift qatt ma hadem u ma kienx tajjeb ghall-uzu li ghalih kien intiz, it-Tribunal sejjer jillikwida dan il-kumpens arbitrio bono viri fl-ammont ta' erba' telef euro, liema ammont jinkludi fih wkoll il-massimu ta' hames mitt euro ghal danni morali.

Ghal dawn il-motivi, jaqta' u jiddeciedi ili jilqa' parzjalment it-talba tar-rikorrenti u jikundanna lis-socjeta' intimata D&S Lifts (Maintenance) Limited u l-isocjeta' intimata Elevation Limited (C
in solidum bejniethom ihallsu lir-rikorrenti s-somma ta' erba' telef euro bhala kumpens ghal danni kemm reali kif ukoll morali sofferti mill-istess rikorrenti; jordna l-isocjeta' intimata Elevation Limited sabiex jsewwi l-lift u jaghmel dawk ix-xogholijiet kollha necessarji biex igib il-lift in konformita' mat-termini tal-kuntratt inkluz li jitqieghdu l-weights u li jinghataw l-instruction book, il-code tal-lift u anke l-ladder in pit feature skond l-istess kuntratt.

Bl-ispejjes kontra l-istess socjetajiet intimati, in solidum.

**Dr Michela Spiteri, LL.D.**

**Arbitru**